# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 15 ta' Marzu 2022

## Talba numru 11/2021SFJ

**AMANDA MANGION (481978M)**
**VS.**
**MARIE LOUISE KEENE (137658M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu l-attriċi talbet li l-konvenuta tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' erbat elef u tlett mija u tmienja u ħamsin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€4,358.40) rappreżentanti ħlas dovut għal ħobż mixtri mill-attriċi għall-istabbiliment "*Paparazzi Restaurant*" f'San Ġiljan, liema ħlas ma sar qatt mill-konvenuta nonostante wegħdiet da parti tal-konvenuta u interpellazzjonijiet da parti tal-attriċi.

Rat li l-attriċi talbet li l-konvenuta tkun ikkundannata tħallas l-ammont indikat fi żmien qasir u perentorju, u dan oltre l-imgħax fuq l-ammont dovut sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż tal-kawża, l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tal-27 ta' Novembru 2020, l-ispejjeż tal-mandat ta' qbid numru 1703/2020 u l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru 1702/2020 (dokumenti "A" u "B").

Rat ir-Risposta tal-konvenuta ppreżentata fl-4 ta' Frar 2021.

Ra s-sentenza preliminari mogħtija fit-2 ta' Lulju 2021 li permezz tagħha dan it-Tribunal ċaħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta (jiġifieri l-eċċezzjoni li tirrigwarda l-preskrizzjoni).

Sema' ix-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni ppreżentata, sema' lill-avukati tal-partijiet jittrattaw fl-udjenza tal-8 ta' Frar 2022 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-15 ta' Marzu 2022.

**Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal ma jistax ma josservax li filwaqt li l-attriċi fetħet din il-kawża waħedha, hija kienet ippreżentat ittra uffiċjali (fol. 47) li fiha aġixxiet "*f'isimha proprju u għan-nom tad-ditta Tal-Koku Bakery ta' 12, Triq San Mikiel, San Ġwann…*"

It-Tribunal jinnota anki li l-mandat ta' sekwestru ppreżentat fis-27 ta' Novembru 2020 (fol. 8) ġie ppreżentat mill-attriċi "*f'isimha proprju u għan-nom ta' Koku Bakery*".

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi ma tatx spjegazzjoni għaliex il-kawża kienet qed issir minnha meta hija ma kinitx taħdem fil-forn (anzi xogħolha kien li tipprepara l-*invoices* mid-dar). Jekk kien żewġha Stephen Mangion li kien is-sid tal-forn, għaliex ma fetaħx il-kawża hu? It-Tribunal ma ra ebda prova li tispjega għaliex forsi ma kienx possibbli li Stephen Mangion jiftaħ il-kawża hu. Lanqas m'hemm xi prokura li permezz tagħha l-attriċi kisbet il-jedd li tiftaħ din il-kawża. Fi kwalunkwe każ, kieku l-attriċi kien ikollha tiftaħ il-kawża mhux personalment iżda f'isem in-negozju ġestit minn żewġha.

Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal qiegħed *ex officio* jissolleva karenza ta' interess ġuridiku da parti tal-attriċi.

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet ***Patricia Graham et vs. The Attorney General et*** (deċiża fis-16 ta' Jannar 2014) u l-każistika hemm ċitata. Teżisti wkoll is-sentenza ta' dan it-Tribunal (diversament ippresedut), fl-ismijiet ***Avukat Dottor John Bonello vs. Christopher Bonello et*** (deċiża fid-9 ta' Jannar 2019). Dawn jispjegaw l-interess ġuridiku fid-dettall u fuqhom it-Tribunal qiegħed jibbaża l-konklużjonijiet tiegħu.

**Deċide**

Għaldaqstant, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn magħmula, wara li sema ix-xhieda u qara l-atti, jiddikjara karenza ta' interess ġuridiku da parti tal-attriċi u konsegwentement jiċħad it-talbiet kollha tagħha bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**